MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2002

Citazzjoni Numru. 1467/2002

**Citazzjoni numru 1467/02 GC**

**ABS Limited**

**vs**

**Ceiling Systems Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta konvenuta hija debitrici taghha fis-somma ta' ghaxart elef disa mija u tnejn u sebghin liri maltin u hames

centezmi (Lm10972.05) bilanc ta’ prezz dovut fuq xiri ta’ prodotti u servizzi suppliti;

Illi s-socjeta konvenuta accettat li dan l-ammont huwa dovut izda qed tallega li m’ghandhiex il-fondi necessarji sabiex thallas dan l-ammont;

Illi s-socjeta attrici interpellat lis-socjeta konvenuta sabiex thallasa l-ammont ta ghaxart elef, disa mija u tnejn u sebghin liri maltin u hames centezmi (Lm10972.05);

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-konvenut m’ghandhux eccezzjonijiet validi xi jressaq;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddiciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ghat-tenur tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
.

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici, is-somma ta’ ghaxart elef, disa mija u tnejn u sebghin liri maltin u hames centezmi (Lm10972.05);
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru fl-ismijiet premessi u bl-interessi mid-data tal-ahhar fattura kontra s-sojceta konvenuta liema socjeta konvenuta giet ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-affidavit ta' Etienne Bonello Dupius wiehed mid-diretturi tas-socjeta attrici presentat mac-citazzjoni;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta atrici;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2003;

Ikkonsidrat:

Mill-kumpless ta' provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk l-istess talbet ghandhom jigu akkolti;

Jigi rilevat li s-socjeta konvenuta nonostante li tirrizulta debitament notifikata naqset li tidher u naqset li tippresenta l-eccezzjonijiet taghha;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' ghaxart elef, disa mija u tnejn u sebghin liri maltin u hames centezmi (Lm10972.05) bilanc ta' prezz dovut fuq xiri ta' prodotti u servizzi suppliti u dana bl-imghaxxijiet kolha legali mill-31 ta' Jannar 2001 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------